MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Numru 106/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**

**vs**

**Mario Bonello**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mario Bonello,** bin Joseph u Nazzarena nee' Magri u detentur tal-karta tal-identita' numru 515150M;

Talli, f'dawn il-gzejjer, nhar il-4 ta' Gunju 2005 f'dawn il-gzejjer f'San Pawl il-Bahar, Bugibba, f'xi hin bejn nofs il-

lejl u t-tlieta ta’ filghodu ikkagunajt griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Cermen Graham peress li kkagunajtiha sfregju fil-wicc skond ma certifikat Dr. Michella Rossi Reg 2833 tal-Casualty Department gewwa l-Isptar San Luqa.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kawza kontra tieghu tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-4 ta’ Gunju 2005, ghall-habta tan-nofs siegha ta’ filghodu, l-imputat kien mar l-ghassa tal-Qawra jirraporta li waqt li kien fi Triq il-Hgejjeg kellu incident ma’ zewg nisa wara li qalilhom biex isiktu l-kelb taghhom li kien qed jinbah. Wahda minnhom, Carmen Graham qasmet it-triq u bdiet ittih. F’dan l-incident l-imputat tilef mat-tlett mitt dollaru, erba’ mitt lira Maltin, HSBC u BOV card, l-karta tal-identita’ u l-licenzja tas-sewqan tieghu; Iz-zewg nisa aktar tard ukoll marru l-istess ghassa u rrapurtaw li kien Bonello li agredixxa l-kelb meta beda jinbah u meta qaltlu biex jieqaf beda jaghti lilha ukoll, habtilha rasha mal-hajt u beda jaghtiha bil-ponn go wiccha kif ukoll bis-sieq. Meta rat hekk, il-habiba tal-kwerelanta, Christine Attard, pruvat tiddefendiha izda hi ukoll spiccat ssofri xi griehi.

Il-griehi tal-kwerelanta huma deskritti f’certifikat mediku (fol 5 u 20) fejn hemm deskrizzjoni li l-griehi huma gravi. Christine Attard sofriet griehi hfief izda ghazlet li ma tikkwerelax lill-imputat. Minn ezami ta’ dan ic-certifikat mediku, flimkien max-xhieda tat-tabiba li rrilaxjat l-istess certifikat (fol 78 sa 81) ma hemm l-ebda ferita li tirrizulta gravi izda skond l-istess tabiba peress li huma feriti (tbengil, grif) fuq il-wicc, jistghu ihallu marka u ghalhekk huma klassifikati bhala gravi. Din il-Qorti ma taqbilx mal-mod simplistiku li kkonkludiet l-istess tabiba. Huwa minnu li wara ezami ta’ feriti ta’ fuq dik il-parti tal-gisem, l-

prudenza hija sollecitata ghaliex anke girfa tista' tammonta ghal-sfregju jekk din tibqa' mmarkata u dan skond kull individwu. Izda f'dan il-kaz kien jehtieg il-prova li dik it-tbengila, girfa, brix fil-verita hallew xi marka mat-trapass taz-zmien. Filwaqt illi l-artikolu 216 (1) (a) tal-Kap 9 jaghmel rejat kull offiza li **tista ggib** periklu ta' difett permanenti, l-artikolu 216(1) (b) li bih huwa akkuzat l-imputat, jaghmel rejat kull offiza li ggib mankament jew sfregju fil-wicc u ghalhekk kien jispetta lill-prosekuzzjoni tivvanta l-prova li l-kwerelanta in effetti sofriet mankament jew sfregju fil-wicc. Fix-xhieda taghha l-kwerelanta qalet li ma sofriet ebda konsegwenza ta' dak l-incident ghajr ugiegh ta' ras li baqghet issofri minnu izda ma hassiex li ghandha tmur ghand it-tabib taghha ghax hu ma jafx dwar il-kaz u jkollha toqghod tghidlu kollox fuq dan l-incident.

Illi l-akkuza hija wahda dwar sfregju fil-wicc tal-kwerelanta u stante li dan ma jirrizultax il-Qorti ma tistax issib htija. Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------